# LECTIO DIVINA

# It-Tmienja u Għoxrin Ħadd

# Matul is-Sena (Sena A)

**Mt 22, 1-14**

## "...kollox lest; ejjew għall-festa"

**"Is-saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu"** (v.2)
***'għamel festa għat-tieġ ta' ibnu'***: Il-personaġġ ċentrali huwa s-sultan. Kull stedina li jagħmel il-Missier hija għall-ferħ: *"Huma l-mistiedna tal-għarus ser jsewdu qalbhom sekemm l-għarus ikun għadu magħhom?"* (9,15), u kull min jitlifha ser jispiċċa fid-dwejjaq u l-iżolament. "l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh u jisimngħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen il-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi mtliet." (Ġw3,29).

**"U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma ridux jiġu. U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom: 'Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta; il-barrin u l-għoġġiela msemmna diġa' maqtula u kollox lest; ejjew għall-festa.' "Iżda dawk ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-neġozju tiegħu, u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħuhom u qatluhom."** (v.3-6)
***'U bagħat għall-mistednin'***: Isejjaħ lil dawk li huma msejħa.
***'imma dawk ma ridux jiġu... Iżda dawk ma tawx kas'***: Ħadd ma jidher interessat. Mhux biżżejjed tkun mistieden, imma hemm bżonn li tqiegħed ir-rieda tiegħek għas-servizz tas-sejħa. Barra <u>r-rifjut</u> kategoriku, hemm ukoll <u>it-traskuraġni</u> u <u>s-superfiċjalita'</u> ta' dak li ma japprezzax biżżejjed id-don li rċieva u jingħalaq fl-individwaliżmu. <u>L-indifferenza</u>, murija taħt

il-ħafna skużi hija għadu komuni tal-fidi, fejn wieħed iħalli lilu nnifsu jinġarr mill-ħajja ta' kuljum. Dan kollu jwassal ukoll għal atteġġjamenti ta' aggressvita'.

***'il-mejda tiegħi lesta'***: It-tieni stedina hija iżjed urġenti. Ma baqax iktar lok ta' dewmien: *"Mhux li kontu illum tisimgħu leħnu!"* (Salm 95,7);*"Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli niġi għandek"* (Lq, 19,5).

**"Is-sultana inkorla ħafna, u bagħat is-suldati tiegħu, qered lil dawk il-qattiela, u ħarqilhom il-belt tagħhom"** (v.7)

***'qered lil dawk il-qattiela, u ħarqilhom il-belt tagħhom'***: Wettqu l-vendetta u sabu ruħhom vittma tal-istess vendetta: *"Bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel lilkom, u jingħatalkom iżjed ukoll"* (Mk 4,24). Bħala sfond ta' dan kollu hemm il-qerda ta' Ġerusalemm li ġrat fis-sena 70 W.K.

**"Imbagħad qal lill-qaddejja tiegħu: 'Il-festa mħejjija, imma lil dawk li ma kienx ta' min jistedinhom għaliha. Mela morru f'salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu.' Dawk il-qaddejja ħarġu fit-triqat u ġabru lil kull min sabu, ħżiena u tajba, u s-sala mtliet bin-nies għall-mejda."** (v.8-10)

***'sejħu għall-festa lil kull min issibu'***: Ħadd ma huwa eskluż għalih, li *"jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u dew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min m'huwiex"* (5,45). Ġesu' kien *"ħabib tal-pubblikani u l-midimbin"* (11,19).

***'ħżiena u tajba'***: Il-ħżiena huma msemmija qabel it-tajba; *"It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda"* (9,12).

**"Mela jidħol is-sultan ħalli jara min kien hemm fuq il-mejda, u hemmhekk lemaħ wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ; u qallu: 'Ħabib, dan kif dħalt hawn m'intix liebes għall-festa?' Dak tbikkem. Imbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu: 'Orbtulu riġlejh u idejh u waddbuh 'il barra fid-dlam"** (v.11-13)

***'wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ'***: Huwa dak li jgħid 'iva' għad-don, imma ma jkunx irid jinbidel, li jidħol f'konverżjoni vera. Fl-użanza ta' dak iż-żmien il-mistednin kienu jingħataw libsa li kienet tkun regalata mill-għarus (ara Mħ 14, 1ff.; Fil-festa tat-tieġ Sansun kien għamel imħatra fuq dan l-ilbies). Min jidħol għall-festa tat-tieġ ma jistax jibqa' bħal qabel, imma jsir kontinwament dak il *"bniedem ġdid"* (Kol 3,10), li *"jilbes lil Kristu"* (ara Gal

3,27). Il-libsa fit-tradizzjoni biblika tindika rwol, dinjita': *"Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu"* (Lq 15,22). Dan huwa l-impenn kontinwu li ġġib magħha l-magħmudija.

**"Għax ħafna huma l-imsejħin, imma ftit il-magħżulin"** (v.14)
Min hu imsejjaħ minn Alla qatt ma jista' jaħseb li din is-sejħa hija xi ħaġa li akwistaha darba għal dejjam, imma jrid jgħixha f'kull ġurnata. Kulħadd huwa msejjaħ biex jaqsam mill-festa tat-tieġ. Jiddependi ħafna mir-risposta libera tal-bniedem: *"Idħlu mill-bieb id-dejjaq... kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!"* (7,13-14).

Għar-Riflessjoni:

1. Ir-rifjut għas-sejħa kapaċi jistaħba taħt hafna skużi, li oġġettivament ma jidhrux 'gravi', anzi jirrigwardjaw il-ħidmiet tal-mistednin. Dak li huwa fil-periferija jsir ċentrali u viċi-versa. Ix-xogħol fl-għalqa, in-negozju jirrappreżentaw l-impenn tal-bniedem biex jikseb l-istabilita' u s-serenita' tiegħu skont il-kalkoli tiegħu, f'kuntrast mal-festa li jorganizza s-sultan.
2. Minn din il-parabola joħroġ li huma ftit li għalihom li timxi wara l-Mulej huwa ferħ.
3. Alla tagħna, meta jiġi rifjutat, flok ibaxxi l-aspettativi, iżjed jgħollihom. Imur isejjaħ lil kulħadd. Ma jaqtax qalbu mal-ewwel diffikultajiet li jiltaqa' magħhom!
4. L-istendina tas-sid ssejjaħ lill-bniedem mill-inbdividwaliżmu, mir-rabtiet ma' dak li huwa tad-dinja għall-komunjoni. Il-libsa tat-tieġ tkompli ssaħħaħ il-komunita'.